# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 18 ta' Gunju, 2001**

**Numru: 4**

**Citazzjoni Numru: 11/95 JF**

**Victor Zammit**

**vs**

**Angelo Nicolosi jew fl-assenza tiegh minn Malta l-mandatarju tieghu Dottor Tonio Grech ghan-nom tal-istess Angelo Nicolosi.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha, premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni,

Premess li l-attur kien sensal fil-ftehim bejn il-konvenut u terza persuna,

ta' kirja ta' art imsejha Olive Gardens, ir-Rabat, li saret bil-medjazzjoni tal-istess attur.

Premess li d-dritt ta' senserija dovut lill-attur mill-konvenut huwa ta' tliet mija u hamsin lira (Lm350) u dan kif accettat minn u miftiehem mal-istess konvenut.

U premess li l-konvenut issa qed jirrifjuta li jhallas lill-attur s-sensarija jew kumpens talvolta lilu dovut skond il-ligi u skond kif miftiehem bejn il-kontendenti.

Talab li din il-Qorti  ghar-ragunijiet premessi:

1. Previa okkorrendo dikjarazzjoni illi s-somma ta' tliet mija u hamsin lira (Lm350) hija pagabbli lill-attur mill-konvenut ghar-ragunijiet premessi, tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm350, jew kumpens iehor dovut lilu ghar-raguni fuq imsemmija likwidabbli l-istess somma, jekk hemm bzonn, permezz ta' periti nominandi.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' impediment numru 4465/94 u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Dottor Tonio Grech ghan-nom ta' l-assenti Angelo Nicolosi fejn eccepixxa:

1. Illi ma kien hemm ebda ftehim bejn l-eccipjenti u terza persuna dwar kirja ta' art imsejha Olive Gardens, ir-Rabat, u ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghall-attur.
2. Illi ma kien hemm ebda ftehim dwar senserija bejn l-attur u l-eccipjenti u ghalhek l-ammont allegat mill-attur mhuwiex dovut.
3. Illi ghalhekk l-eccipjenti m'ghandux ibati spejjez.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti minnhom esebiti;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Trattata l-kawza;

Ikkunsidrat li l-attur qieghed jitlob hlas ta' senserija riferibbli ghal ftehim allegatament maghmul bejn il-konvenut u terza persuna dwar "kirja ta'

art imsejha Olive Gardens, ir-Rabat" billi jghid li din il-lokazzjoni sehhet bil-medjazzjoni tieghu. Ippremetti inoltre li l-hlas dovut lilu kellu jkun fis-somma ta' Lm350 u dana "kif accettat minn u miftiehem mal-istess konvenut".

Il-kontroparti konvenuta tichad li sar xi ftehim kif premess mill-attur.

Illi jibda biex jinghad li mic-citazzjoni nnifisha l-attur mhux iharrek liz-zewg partijiet involuti fl-allegata kirja, immabiss lil parti wahda, u cjoe' lil Angelo Nicolosi. L-attur jghid li dan hu hekk billi minghand il-parti l-ohra involuta, jigifieri Joseph Baldacchino, hu thallas ta' sehmu min-naha ta' Baldacchino li hallsu b'cekk (ara affidavit ta' l-attur, a fol. 49). F'dan l-istess affidavit l-attur spjega kif kien hu strumentali biex jintroduci lil Nicolosi ma' Baldacchino in konnessjoni ma' negozju li kien jikkonsisti filli tinstab "area" ta' art agrikola biex fuqha ssir "plant nursery". Fl-affidavit tieghu l-attur jghid li hu flimkien ma' Nicolosi u Baldacchino marru jaraw bicctejn raba' – wahda fir-Rabat maghrufa bhala "Olive Gardens" u l-ohra fiz-Zurrieq qrib il-"Garden of Eden" – proprjetajiet ta' Baldacchino. L-attur ikompli jixhed hekk, (ara para 6 ta' l-affidavit, a fol. 48 – Dok VZ1)

> *"Din ir-raba' dehret illi ghogbot hafna lil Nicolosi u fil-prezenza tieghi Nicolosi u Baldacchino ftehmu illi l-art kellha valur ta'*

> *Lm10,000 fis-sena kera. Il-konvenju ossija l-ftehim bil-miktub ta' bejniethom sar fil-Bank taz-Zurrieq fil-prezenza tal-manager, is-sur Pevjeri (sic, imma recte Corrieri). Jien tlabt li jkun (recte "nkun") prezenti fil-konvinju (sic) pero' gara illi huma (Joe Baldacchino u Angelo Nicolosi) marru wahedhom".*

Baldacchino, prodott b'xhud tieghu mill-attur, filwaqt li jikkonferma li negozjati tassew gew mibdijin bejnu u bejn Nicolosi ghax-xiri jew kiri ta' l-art de quo, fl-istess waqt jaghmilha kategorika *li "qatt ma ffinalizzajna xejn"* – fol. 16 tal-process. L-istess xhud ikkonferma pero' li kien minnu li permezz ta' cekk kien ghadda xi mitt lira (Lm100) lill-attur b'dana li jkompli jelabora hekk (fol. 17):

> *"Tajtulu minghajr pregudizzju, mhux ghax kellu dritt. Biex nehles minnu, ghax niltaqa' mieghu, kwazi kuljum, u ma rridx noqghod b'hafna argumenti, ghal Lm100, bhal speci".*

Ghal mistoqsija li saritlu mill-Qorti, Baldacchino wiegeb li lil Nicolosi hu ma krielu xejn, u li invece (fol. 19),

> *"Il-kumpannija li krietu kienu Eden Nurseries li Nicolosi ma kellu l-ebda konnessjoni maghha. Kulma ghamilna ma' Nicolosi hu li xtrajna xi affarijiet minghandu ……" (sottolinear tal-Qorti).*

Qalu wkoll li n-negozju ma' Eden Nurseries sar wara li ftehim ta' negozju ma' Nicolosi falla. Fil-fatt spicca biex jghid li dan il-ftehim li sar ma' Eden Nurseries kif rapprezentata minn certu Paul Fenech Gonzi, li fil-bidu kien l-accountant ta' Nicolosi, inghalaq bit-telf u li t-Taljan (i.e. il-konvenut proprio, Nicolosi) *"qatt ma hareg xejn biex jirrifondi d-dejn li kien hemm fil-kumpannija (fol. 27).*

Xehed imbaghad Paul Fenech Gonzi li filwaqt li kkonferma li tassew kienu bdew negozjati biex isir xi ftehim ta' negozju bejn Baldacchino u Nicolosi, kien *"deher car"* li tali ftehim ma kienx ser jintalhaq billi dwar Nicolosi (fol. 31),

> *"….. l-impressjoni li ha kulhadd tieghu kienet illi hafna paroli u meta jigi ghall-fatti, mhux ser jasal".*

Finalment li gara kien, skond dan ix-xhud, li Baldacchino u Fenech Gonzi ffurmaw kumpannija bejniethom – eskluz minna jigifieri Nicolosi – u din il-kumpannija xtrat pjanti direttament minghand Nicolosi biex tbieghhom lokalment wara li timportahom mill-Italja u b'dan allura li qatt ma sar kuntratt ta' kiri fuq dik l-art (fol. 33), jigifieri ghal fini ta' "nursery" kif premess mill-attur fl-att tac-citazzjoni.

Xehed ukoll il-manager tal-Branch tal-Bank of Valletta taz-Zurrieq ta' dak iz-zmien certu Mario Corrieri, prodott mill-attur ukoll, li xehed li kulma kien jaf kien sempliciment li giet furmata kumpannija bl-involviment fiha ta' Baldacchino u aktar minn hekk proprju xejn. Dan ix-xhud pero' rega' gie prodott mill-attur biex possibilment jispjega l-kontenut tad-dokument esebit mill-attur a fol. 63 pero' ghal darb'ohra dan ix-xhud tal-attur ma zied assolutament xejn ta' sustanza.

Il-konvenut proprio, Angelo Nicolosi, ta' nazzonalita' Taljana kkonferma tista' tghid "in toto" dak li kien xehed Joseph Baldacchino u cahad li hu "kera jew iffinalizza xi ftehim ta' din ix-xorta ma' Baldacchino, u jichad li kien hemm xi inkontru mal-attur.

Rega' mbaghad xehed l-attur u rega' elabora fuq dak li hemm gja' kontenut fl-affidavit li kienipprezenta u kif hu ltaqa' diversi drabi ma' Nicolosi. Dwar id-dokument a fol. 64 jghid li tahulu Mario Corrieri minn go skrivanija – fatt mhux korroborat pero' mill-istess Corrieri. Jghid li l-kitba li hemm "a tergo" tal-karta, dokument FD1 a fol. 64 hazzizha Baldacchino – dwar dan pero' Baldacchino ma jghid xejn – u li kienet turi "projection" ta' l-operazzjoni jew intrapriza li kellha ssir bejn Baldacchino u Nicolosi.

Il-Qorti wara li qieset il-provi kollha ma jidhrilhiex li l-attur b'xi mod

soddisfacenti pprova dak li ppremetta u talab fl-att tac-citazzjoni tieghu. Li ppresta xi servizzi / servizzi a favur ta' Joseph Baldacchino jista' jkun li gie ppruvat billi rrizulta li dan Baldacchino fforma kumpannija bejnu u bejn Paul Fenech Gonzi – l-Eden Nurseries – imma l-provi wrew li l-ebda art ma qatt inkriet lil Nicolosi. Bdew xi tahdidiet esploratorji imma waqfu bla ezitu pozittiv. Il-fatt li in segwitu l-kumpannija Eden Nurseries Limited xtrat xi sigar tal-palm direttament minghand Nicolosi m'ghandu xejn x'jaqsam ma' dak li hemm ipprospettat fic-citazzjoni attrici. Lanqas xhieda dizinteressata bhal Mario Corrieri, il-Manager tal-Bank ma jikkorroboraw minimament lill-attur. Il-provi ma jwasslux ghall-akkoljiment tat-talbiet ta' l-attur.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talba attrici kif dedotta, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-attur.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md